# Stqarrija

## Malta tikser il-liġi tal-UE u s-sentenzi tal-Qorti Ewropea billi terġa' tiftaħ staġun illegali tal-insib tal-għasafar

Malta reġgħet fetħet l-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana, għall-Pluvieri u għall-Imlievez, sfida diretta lejn il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) u l-Kummissjoni Ewropea. Minkejja żewġ sentenzi ċari tal-ECJ li jikkonfermaw li l-insib jikser il-liġi tal-UE, il-Gvern Malti jkompli jippermetti l-insib mifrux tal-għasafar bl-iskuża falza ta' "riċerka".

Din is-sena ġew awtorizzati 2,932 siti għall-insib tal-għasafar tal-għana u 1,641 sit għall-Pluvieri u l-Imlievez, żieda ta' 177 sit meta mqabbla mas-sena l-oħra. Il-Gvern jgħid li l-insib għall-għasafar tal-għana qed isir għal skopijiet xjentifiċi, iżda l-evidenza minn snin preċedenti turi li prattikament in-nassaba kollha jonsbu illegalment u jżommu l-għasafar fil-gaġeġ minflok jeħilsuhom.

BirdLife Malta ripetutament ippreżentat provi lill-Kummissjoni Ewropea li juru kif l-hekk imsejjaħ "staġun ta' riċerka" huwa biss kopertura għal insib illegali. Is-sena li għaddiet, l-organizzazzjoni ppubblikat diversi filmati li juru nassaba jaqbdu u jżommu l-għasafar tal-għana protetti, bi ksur ċar tal-liġi tal-UE.

Stħarriġ li għamlet BirdLife Malta waqt  il-ħarifa tal-2023, wera li madwar 51,400 għasfur tal-għana inqabdu illegalment taħt l-istess deroga fi staġun wieħed. Sadanittant, in-numru ta' siti reġistrati għall-insib tal-għasafar tal-għana kompla jiżdied (minn 2,616 fl-2023 għal 2,932 fl-2025). Uħud mis-siti li fihom n-nassaba inqabdu fil-fatt mill-pulizija jonsbu u jżommu għasafar tal-għana illegalment fis-snin preċedenti, xorta reġgħu ġew awtorizzati biex "jirriċerkaw" fl-istaġuni ta' wara.

Bl-ammont għoli ta' siti awtorizzati biex jaqbdu l-għasafar tal-għana, id-domanda għal għasafar ħajjin biex jintużaw bħala lixka reġgħet ħeġġet il-kuntrabandu. Xahar ilu, l-awtoritajiet interċettaw bastiment mit-Tuneżija, li

abbord kellu għasafar tal-għana, li kienu maħsuba biex jintużaw fuq imnasab Maltin. Kmieni f'Awwissu, l-awtoritajiet Taljani interċettaw konsenja ta' 2,687 għasfur tal-għana f'Pozzallo, minn ċittadin Malti, ftit qabel ma kienu se jidħlu Malta.

Sadanittant, il-kapaċità tal-infurzar tibqa' ferm limitata meta mqabbla mal-iskala tal-insib awtorizzat. L-Environmental Protection Unit (EPU) kien qed jopera b'kapacità minima matul l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa. Timijiet ta' BirdLife Malta batew biex jassiguraw prosekuzzjonijiet kontra l-użu mifrux ta' għajjat elettroniku illegali filgħodu kmieni. Bħas-snin ta' qabel, il-maġġoranza tas-siti għall-insib f'Malta mistennija joperaw mingħajr il-kontroll tal-pulizija, u f'Għawdex is-sitwazzjoni hi saħansitra agħar għax ma hemmx pulizija ambjentali.

Sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-infurzar, BirdLife Malta reġgħet nediet l-għodod meħtieġa għall-pubbliku biex jagħraf bejn siti għall-insib awtorizzati u dawk li mhumiex, li jistgħu jidhru permezz ta' link fuq Google Maps. Kull min jiltaqa' ma' nsib illegali, traffikar jew pussess illegali ta' għasafar tal-għana huwa mħeġġeġ iċempel direttament lil BirdLife Malta jew lill-pulizija fuq 119.

L-għasafar tal-għana huma protetti taħt id-Direttiva tal-Għasafar tal-UE, u l-ECJ diġà ddeċida darbtejn, fl-2018 u fl-2024, li d-derogi ta' Malta jiksru din il-liġi. Żjara reċenti tal-Ministru Clint Camilleri fi Brussell biex jiltaqa' mal-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent ma biddlitx l-obbligi legali ta' Malta, u l-ebda laqgħa jew negozjar ma jistgħu jmorru kontra l-liġi tal-UE jew is-sentenzi tal-Qorti Ewropea.

Kontroversja oħra qamet meta l-Ministru Camilleri, bl-appoġġ tal-Ministru Miriam Dalli, emenda r-Regolamenti tal-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi biex titneħħa l-konnessjoni ta' Malta mal-EURING, in-netwerk Ewropew għal bird ringing xjentifiku. Din il-bidla fetħet il-bieb lill-federazzjonijiet tal-kaċċa biex jistabbilixxu skemi ta' bird ringing u jkomplu jpinġu l-insib bħala riċerka.

BirdLife Malta għarrfet ukoll lill-Kummissjoni Ewropea bil-ksur kontinwu ta' Malta tad-Direttiva tal-Għasafar u tas-sentenzi Ewropej, u qed tistenna eskalazzjoni ta' proċeduri ta' ksur fil-ġimgħat li ġejjin.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef

Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Għasfur tal-għana f’gaġġa ritratt ta’ Luca Eberle/BirdLife Malta
2. Mansab għall-għasafar tal-għana ritratt ta’ Luca Eberle/BirdLife Malta
3. Għasafar tal-għana f’gaġġeġ fuq mansab ritratt ta’ Luca Eberle/BirdLife Malta
4. Tim kontra r-reati ambjentali f’azzjoni ritratt ta’ Luca Eberle/BirdLife Malta